**JUNIOR SCHOOL**

**CONVENT OF THE SACRED HEART SCHOOL FOUNDATION**

**EŻAMI TA' NOFS IS-SENA – KARTA MUDELL**

**IL-ĦAMES SENA** **MALTI** **ĦIN:** Siegħa u Erbgħin minuta

ISEM___________________ REĠ___ KLASSI___________

## TAĦRIĠ IL-FEHEM

Kien is-Sibt wara nofsinnhar meta l-familja kollha kienet miġbura għat-te'. In-nannu Ċens biss ma kienx hemm. Kien qiegħed il-Belt ma' xi żewġt iħbieb tiegħu. U ħabat tajjeb li dak il-ħin in-nannu ma kienx id-dar, għax il-familja kollha kienet qed tħejji xi ħaġa li ma kinitx għal widnejh.

Sewwa sew is-Sibt ta' wara, in-nannu Ċens kien se jagħlaq ħamsa u sittin sena. Is-soltu kienu jibagħtulu l-kartolini u jixtrulu r-rigali, imma dis-sena xi ħadd issuġġerixxa li jagħmlu "*party*" jew festin. Għall-ewwel, il-biċċa ħaduha biċ-ċajt, iżda wara kollox, in-nannu Ċens tassew kien jixraqlu "*party*". Hu dejjem kien jieħu ħsieb jixtrilhom rigali sbieħ f'għeluq sninhom. Saħansitra lill-mama' u lill-papa' kien jixtri rigal meta tasal tagħhom.

"U nagħtuhielu b'sorpriża," qabżet tgħid Irene, "taparsi nsejna li hu l-birthday tiegħu."

"U lanqas kartolina ma nibagħtulu," żied Tony bi tbissima kbira.

"Iva, iva," qabżet Marisa, "imbagħad filgħaxija nagħmlulu "*party*" kbir għal għarrieda."

"Mela jaqbel li nistiednu liz-ziju Loius u liz-zija Mary." kompla jgħid il-papa'.

"U ngħidu lis-Sur Tonin u lil Konsu," qalet il-mama', "dawk ħbieb tiegħu tassew."

(minn *Ġrajjiet in-Nannu Ċens* ta' Trevor Zahra)

Agħti titlu lil din is-silta **(marka)**

______________________________________________________________________

**A. Agħżel it-tajba (2 marki)**

1. Il-familja kollha ltaqgħet (filgħodu, filgħaxija, wara nofsinhar).
2. In-nannu ċens kien se jagħlaq (65, 56) sena.

**B. Veru (V) jew Falz (F) (3 marki)**

1. Il-familja kollha kienet qed tieħu tazza kafé. ___________
2. Kien għad baqa' ġimgħa għal għeluq snin in-nannu Ċens. ___________
3. In-nannu Ċens kien jibagħtilhom kartolina f'għeluq sninhom. ___________

**Ċ. Wieġeb dawn il-mistoqsijiet (19-il marka)**

3. Għalfejn il-familja setgħet titkellem mingħajr ma jismagħhom in-nannu Ċens? (2 marki)

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

4. X'kienu jagħmlu s-soltu l-familja tan-nannu Ċens meta jasal għeluq sninu? (2 marki)

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

5. X'kienet qed tħejji l-familja tan-nannu Ċens għal għeluq sninu? (2 marki)

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

6. Għalfejn il-familja ddeċidiet li n-nannu kien tassew jistħoqqlu li jagħmlulu festin? (2 marki)

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

7. Wieħed bħan-nannu Ċens li jiftakar f'kulħadd ngħidu li għandu ___________ tajba. (marka)

8. X'issuġġeriet Irene dwar il-festin? (2 marki)

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

9. Min kienu l-erba' persuni li kienu ser jistiednu? (2 marki)

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

10. Għid xi jfissru dawn (3 marki)

Tħejji ________________________________________

Ma kinitx għal widnejh ________________________________________

Għal għarrieda ________________________________________

11. Mis-silta li għadek kemm qrajt sib (3 marki)

Nom komuni ___________

Nom proprju ___________

Plural sħiħ ___________

**D. Imla l-vojt bl-Artiklu: (5 marki)**



Fl-iskola, l-għalliema kienet qalet lit-tfal biex ___ dar jibnu karru żgħir tal-karnival billi jużaw xi kaxxi, kartun u karti kkuluriti. Oħt Xummiemu kienet diġa' ddeċidiet li kienet ser tpoġġi ___ pupa tagħha fuq ___ karozza ___ kbira ta' Xummiemu. Għamlitilha wkoll kuruna tal-kartun u pinġiet ħafna djamanti fuqha. Malajr lestietu ___ karru tal-prinċipessa. Dan kellhom jeħduh ___ skola ġimgħa qabel ___ festa tal-karnival. ___ tfal tal-klassi kollha għamlu karrijiet sbieħ. ___ surmast ħa pjaċir meta ra dawk ___ karrijiet kollha u poġġihom fis-sala biex jagħmel wirja għar-raħal kollu.

**E Ikteb is-sentenzi mill-ġdid u ibdel il-kliem b'sing taħthom fil-Plural (10 marki)**

1. Il-kelb u l-qattus ta' Mark kienu fil-ġnien.

_______________________________________________________

2. Ommi xtrat id-dublett u l-flokk mill-Belt.

_______________________________________________________

3. Il-ktieb u l-pitazz kienu fil-basket ta' Claire.

_______________________________________________________

4. Il-mara u r-raġel iltaqgħu fil-pjazza.

_______________________________________________________

5. Jien u ħija morna sal-Għadira.

_______________________________________________________

**F. Agħti l-Mamma u l-Għerq ta' dawn il-verbi (5 marki)**

| Verb | Mamma | Għerq |
|---|---|---|
| jisirqu | | |
| lagħbet | | |
| ċemplu | | |
| tlifna | | |
| għamilna | | |

**Ġ. Ikteb dawn is-sentenzi mill-ġdid billi tagħti l-kontra tal-kliem b'sing taħthom. (5 marki)**

1. Ir-rota ta' Silvio żgħira wisq.

____________________________________________

2. Il-karozza l-ġdida ta' Mark.

____________________________________________

3. Ilbieraħ iltqajt ma' Steve li hu l-iktar raġel umli li naf.

____________________________________________

4. Kien hemm mibgħeda kbira bejniethom.

____________________________________________

5. Pawlu kien ferħan wara li spiċċat it-tellieqa.

____________________________________________

**G. Ikteb il-verbi fil-parentesi fl-Imperattiv biex tagħti kmand (5 marki)**

1. _____________ (libes) l-uniformi u għax sar il-ħin biex immorru.
2. Alison, _____________ (għamel) ix-xogħol tad-dar.
3. Tfal, _____________ (talab) lill-Madonna għall-paċi.
4. _____________ (qafel) il-lazz taż-żarbun għax ser taqa'.
5. _____________ (ħaseb) sewwa x'ser tagħmlu imbagħad ċempluli.

**GĦ. Agħżel il-kelma mill-parentesi li hi miktuba tajba. (5 marki)**

Toninu dalwaqt kien ser (jiċċelebra, jiġċelebra, jiġġelebra) għeluq sninu. Peress li kien ser jagħlaq għaxar snin, ommu (rieded, riedet, rieted) tagħtih (rikal, riggal, rigal) (speċjali, speġjali). Darba, meta Toninu kien (qiegħet, qiegħed) l-iskola, ommu (marred, marret) sal-Belt biex tixtri rigal lil binha. Kif daħlet fil-(ħanut, ħanud), għajnejha marru fuq (arloċċ, arloġċ, arloġġ) sabiħ tal-(futbol, fudbol). Kienet (ċerta, ġerta) li kien ser jogħġbu u xtratu. Omm Toninu kienet kuntenta ħafna u kellha seba' mitt sena sa ma tati dak ir-rigal lit-tifel tagħha.



**H. Agħżel is-superlattiv assolut minn ġol-kaxxa biex timla l-vojt fis-sentenzi (5 marki)**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| kiesaħ silġ | isfar mewt | iswed tuta | ħafif rixa | nadifa tazza |

1. Il-karozza kienet ______________________ qabel ma niżlet ix-xita.
2. Ommi żebgħet xagħarha ______________________.
3. Kulħadd mar tajjeb fl-eżami għax kien ______________________.
4. Il-baħar kien ________________ u ħadd ma niżel jgħum.
5. Meta kien marid, wiċċ Mark kien ________________.

## KITBA KREATTIVA

**Ikteb Komponiment ta' madwar 120 kelma fuq wieħed minn dawn it-titli:**

**(25 marka)**

*Titlef il-marki jekk tikteb sentenzi kif ġie ġie u bl-iżbalji tal-kitba u tal-punteġġjatura. Ara li jkollok il-paragrafi f'posthom. Ikteb pulit u kun immaġinattiva. Jekk trid tista' tagħmel użu milli-punti li hemm taħt kull titlu.*

**A. Il-Ġurnata tas-Sibt.**

*Fi x'ħin tqum? X'toqgħod tagħmel?*

*Tistudja? Għandek xi passatempi?*






**B. Immaġina li inti siġra f'nofs ta' pjazza**

*X'tara? X'taħseb? X'tixtieq tagħmel?*

**Ċ. L-isbaħ ġurnata ta' ħajti**



**D. Immaġina li inti u l-ħbieb tiegħek mortu passiġġata fil-kampanja, smajtu ħoss qawwi u rajtu xi ħaġa nieżla mis-sema ...**

*X'kien dak il-ħoss? X'kien nieżel mis-sema? X'għamiltu?*



**E. Irrakkonta l-istorja li qed tidher f'dawn l-istampi. Agħti titlu lill-Kitba Kreattiva tiegħek u għid kif tispiċċa l-istorja.**




Żaqqieq jaħsel snienu snien imħassra uġigħ kbir

klinika dentist